DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2528** **30. 12. 2011**

**40 ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' NINU CREMONA**

Fl-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-mewt ta' Ninu Cremona, il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni ser itella' wirja dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Ninu Cremona fil-Banka tal-Ġurati fir-Rabat Għawdex.

L-akbar kontribut ta' Ninu Cremona (1880-1972) kien fit-tfassil tal-ortografija Maltija flimkien ma' Ġanni Vassallo. Huwa fassal sistema ta' regolamenti għall-ktiba bil-Malti li ġew ippubblikati fit-'Tagħrif fuq il-Kitba Maltija' (1924). Ippubblika wkoll grammatika tal-lingwa Maltija għat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel Primarji u Sekondarji. Fl-1936 ġie maħtur l-ewwel surmast tal-Malti fil-Liċeo. Ninu Cremona ħadem bis-sħiħ favur il-lingwa Maltija meta f'Malta kien hawn moviment qawwi kontra li l-Malti jkun użat fil-qrati, skejjel u korrispondenza tal-Gvern.

Huwa awtur ta' diversi kotba tal-poeżija, drammi, studji dwar il-folklor, storja u letteratura. Wieħed mill-akbar xogħlijiet tiegħu huwa d-dramm poetiku 'Il-Fidwa tal-Bdiewa' (1936).

Fl-1947 ingħata l-premju 'Ġuże' Muscat Azzopardi' filwaqt li fl-4 ta' Ġunju 1960 ingħata l-unur akkademiku ta' Duttur tal-Letteratura (Honoris Causa) mill-Universita' Rjali ta' Malta.

Il-wirja ser tiġi inawgurata nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2011 fis-7.00pm mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u tibqa' miftuħa sal-20 ta' Jannar. Il-wirja tinkludi numru ta' ritratti storiċi kif ukoll manuskritti, kotba u oġġetti oħra marbuta mal-ħajja u l-ħidma ta' Ninu Cremona. Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar ser issir taħdita pubblika mis-Sur Joe Camilleri dwar il-ħajja u l-kitbiet ta' Ninu Cremona. It-taħdita ser issir fil-Banka tal-Ġurati fir-Rabat Għawdex u tibda fis-7.00pm. Il-pubbliku huwa mistieden.

L-istess wirja ser tittella' wkoll fil-Biblioteka Nazzjonali fil-Belt Valletta mill-25 ta' Jannar 'l quddiem.

Fl-okkażjoni tal-40 anniversarju mill-mewt ta' Ninu Cremona fl-4 ta' Jannar, Maltapost ser toħroġ timbru speċjali li jkun jista jinkiseb mill-fergħa ta' Maltapost fi Triq ir-Repubblika fir-Rabat Għawdex.



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**